

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Jannar 2022 – MN vs Europol**

(Kawża T-586/20) (¹)

**(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat li ma jiġġeddidx għal żmien indeterminat – Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)**

(2022/C 119/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: MN (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (rappreżentanti: A. Nunzi, O. Sajin u C. Falmagne, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Europol tas-6 ta' Marzu 2020 li l-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrent ma jiġġeddidx għal żmien indeterminat u, min-naħħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu morali li huwa allegatament sofra konsegwentement.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) MN huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 433, 14.12.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-12 ta' Jannar 2022 – MW vs Il-Parlament**

(Kawża T-630/20) (¹)

**(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Grupp politiku – Tkeċċija – Terminazzjoni tar-rabta ta’ fiduċja – Fastidju psikoloġiku – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Użu ħażin ta’ poter – Responsabbiltà”)**

(2022/C 119/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: MW (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: I. Lázaro Betancor u N. Scafarto, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 li l-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal temporanju jiġi xolt abbażi tal-Artikolu 2(c) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea u, min-naħħa l-oħra, għal-ksib ta' kumpens għad-danni materjali u morali allegatament subiti mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) MW hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 9, 11.1.2021.